

Brussell, 18 ta' Lulju 2022  
(OR. en)

11373/22  
ADD 1

LIMITE

ELARG 63

#### NOTA

---

minn:	Presidenza
fi:	18 ta' Lulju 2022
lil:	Delegazzjonijiet

---

Suġġett:	TKABBIR
	- Negożjati tal-Adeżjoni mal-Maċedonja ta' Fuq
	- Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija

---

#### Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija

B'referenza għall-paragrafu 7 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar [it-Tkabbir - il-Maċedonja ta' Fuq u l-Albanija] minn [Lulju 2022],

B'referenza għall-paragrafu 22 tal-Qafas ta' negożjar għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq mal-UE u t-tismija li hemm fih tal-lingwa uffiċjali tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, skont il-Kostituzzjoni tagħha, bħala l-lingwa tat-traduzzjoni tal-acquis tal-UE,

#### il-Bulgarija b'dan ittenni dan li ġej:

Il-lingwa letterarja Bulgara għandha sitt normi reġjonali bil-miktub (kodifikazzjonijiet). Tlieta minnhom huma bbażati fuq djaletti u tlieta fuq il-lingwa letterarja Bulgara. Il-ħolqien tal-"lingwa Maċedonjana" fl-1944/5 f'dik li kienet il-Jugoslavja kien att ta' kodifikazzjoni sekondarja (kodifikazzjoni mill-ġdid) ibbażat fuq il-lingwa letterarja Bulgara, "arrikkita" wkoll minn forom vernakulari, u b'hekk jissimula proċess "naturali" bbażat fuq id-djalett.

Kwalunkwe referenza għal-lingwa uffiċjali tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq f'dokumenti/pożizzjonijiet/dikjarazzjonijiet uffiċjali/mhux uffiċjali jew oħrajn tal-UE u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tagħha għandha tinftiehem strettament f'konformità mal-Kostituzzjoni ta' dan l-istat u ma għandha bl-ebda mod tiġi interpretata bħala rikonoxximent mir-Repubblika tal-Bulgarija ta' "lingwa Maċedonjana".

Il-Bulgarija tkompli taderixxi mal-klawżola lingwistika stabbilita fit-Trattat ta' ħbiberija, relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u kooperazzjoni ffirmat fi Skopje fl-1 ta' Awwissu 2017 bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq għall-finijiet ta' trattati/ftehimiet/memoranda bilaterali u oħrajn bejn iż-żewġ pajjiżi.